**28 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Nicholas Borg

*versus*

Marco Farrugia *noe*

**Kwalità Pattwita ta' l-Oġġett Mibjugħ – Deskrizzjoni ta' *Computer* bħala "*Made in Japan*"**

*L-art. 1390 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 jiddisponi illi jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ ġib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalità imwiegħda, ix-xerrej jista' jagħżel li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas bi stima ta' Periti.*

*Il-Qorti sabet illi l-attur kien irnexxielu jipprova li s-salesman tal-konvenut kien wiegħdu li l-Computer kien immanifatturat fil-Ġappun u kien fuq din l-assikurazzjoni li l-attur iddeċieda li jixtri dan il-Computer.*

*Li l-Computer qed jinbiegħ bħala "Made in Japan" ma kienx xi element inċidentali fil-bejgħ iżda kien rekwiżit essenzjali li a bażi tiegħu sar dan il-bejgħ. Il-Qorti għalhekk irrixxindiet il-bejgħ, għaliex il-Computer ma kienx "Made in Japan", u kkundannat lill-konvenut jirrifondi l-prezz tal-bejgħ.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi fit-22 ta' Lulju, 1991, l-attur xtara mingħand il-konvenut *nomine*

*Computer Elite* 286, bl-aċċessorji għall-prezz ta' sitt mija ħamsa u sebgħin lira (Lm675); (Dok. 1);

Peress illi l-attur, qabel għamel l-akkwist u ħallas akkont ta' tletin lira (Lm30) ingħata assikurazzjoni mir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta li l-*computer*, u l-aċċessorji (ħlief għall-*Monitor)* kienu *Made in Japan* u minħabba f'hekk il-prezz kien ta' Lm675;

Peress illi l-attur għamel proprju dak l-akkwist għall-prezz miftiehem għaliex kellu dik l-assikurazzjoni;

Peress illi fil-ġurnata tal-konsenja u wara li ħallas akkont ieħor ta' ħames mitt lira (Lm500), l-attur skopra li l-*computer* ikkonsenjat kien *Made in Taiwan* mhux *Made in Japan* kif pattwit mis-soċjetà konvenuta;

Peress illi l-attur ilmenta tempestivament dwar dan il-fatt mas-soċjetà konvenuta, iżda din, wara li saritilha rikjesta bil-miktub biex tieħu lura l-apparat konsenjat għax mhux tal-kwalità pattwita baqgħet inadempjenti; l-istess attur talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-*computer Elite* 286 bl-aċċessorji konsenjat lill-attur ma kienx tal-kwalità pattwita;

2. Tirrixxindi l-bejgħ ta' l-imsemmi *computer* bl-aċċessorji stante li ma kienx tal-kwalità pattwita u

3. Tikkundannah jirrifondi lill-attur is-somma ta' ħames mija u tletin lira (Lm530) li dan ħallas akkont tal-prezz;

Bl-ispejjeż kompriżi dwak ta' l-ittra interpellatorja datata

16 ta' Awissu 1991 u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oġġett mibjugħ kien tal-kwalità pattwita u tal-marka miftehma;

*Omissis;*

Illi l-attur qiegħed jagħmel din il-kawża bażikament biex jiġi rexiss ix-xiri ta' *computer Elite* 286 li hu xtara mingħand il-konvenut billi dan il-*computer* ma kienx tal-kwalità pattwita. L-attur kompla jixhed testwalment hekk:

*Omissis;*

Illi bejn dawn iż-żewġ verżjonijiet diametrikament opposti l-verżjoni tal-fatti li ta l-attur tidher aktar kredibbli u verosimili. Din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni mhux biss għaliex setgħet tosserva l-komportament tax-xhieda fil-pedana iżda wkoll għaliex il-verżjoni ta' l-attur hija korroborata minn dak li għamel appena rċieva l-konsenja tal-*computer*. Ma hux ikkontestat li l-*computer* ġie kkonsenjat wara nofs inhar u li l-għada fil-għodu l-attur mar mill-ewwel fil-ħanut tal-konvenut jilmenta li l-*computer* in kwistjoni ma kienx magħmul fil-Ġappun. Mix-xiehda ta' l-attur mhux kontradetta jirriżulta li l-*computer* hu qatt ma ħaddmu. Allura hu verosimili li ried iħassar il-bejgħ mhux għax reġa' bdielu iżda *invece* ried jagħmel hekk. Appena nduna li l-assikurazzjoni li kien tah is-*salesman* tal-konvenut li l-*computer* kien immanifatturat fil-Ġappun, u li a bażi tagħha hu kien iddeċida li jixtri dak il-*computer* partikolari ma kinitx attendibbli;

Ikkunsidrat:

Illi skond il-liġi il-bejjiegħ hu obbligat li jikkonsenja l-oġett li jkun tal-kwalità miftiehem bejnu u bejn ix-xerrej;

L-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 jiddisponi illi jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ ġieb biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalità imwiegħda x-xerrej jista' jagħżel li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima tal-Periti;

Illi l-konvenut qiegħed jeċċepixxi li l-oġġett mibjugħ kien tal-kwalità pattwita;

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-attur irnexxielu jipprova sodisfaċentement li *s-salesman* tal-konvenut wiegħdu li l-*computer* kien immanifatturat fil-Ġappun u kien proprju fuq din l-assikurazzjoni li l-attur iddeċieda li jixtri dan il-*computer* partikolari. Tant hu hekk li din ix-xelta l-attur għamilha wara li kien diġà sab *computer* simili ieħor *(Concept 286)* li kien magħmul fit-*Taiwan* u li kien aktar minn mitt lira irħas mill-prezz tal-*computer* ta' l-attur;

Illi fi kliem ieħor din il-Qorti jidhrilha li għall-attur il-fatti li l-*computer kien qiegħed jinbiegħ bħala Made in Japan*, ma kienx xi element inċidentali fil-bejgħ iżda kien rekwiżat essenzjali li a bażi tiegħu sar il-ftehim. Isegwi li l-konvenut kien obbligat li jikkonsenja *computer* li kien verament magħmul il-Ġappun u ċjoè tal-kwalità pattwita liema obbligu l-konvenut ma esegwiehx. Konsegwentement l-attur hu ġġustifikat li jirrifjuta l-*computer* in kwistjoni;

Għal dawn il-motivi prevja li tiċħad fis-sens premess l-

eċċezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur eżattament kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenut.